## Istituzzjoni li qed tikkordina l-proġett:

**The Mediterranean Institute of Gender Studies (L-Istitut Mediterranju għall-Istudji tal-Ġeneru)** hija organizzazzjoni mhix għall-qligħ affiljata mal-Università ta' Nikosija. L-Istitut għandu l-għan li jkun kontributur ewlieni fil-ħajja intellettwali, politika, u soċjo-politika tar-reġjun f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' ġeneru u dan jagħmlu permezz ta' metodi multidixxiplinarji u f'kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet oħrajn. L-Istitut jirrikonoxxi li d-diskriminazzjoni kontra n-nisa tinstab fuq ħafna livelli u jifhem li din id-diskriminazzjoni tieħu forom differenti u huwa impenjat li jelimina din id-diskriminazzjoni permezz ta' taħlita ta' riċerka, promozzjoni u lobbying, kif ukoll taħriġ, konferenzi, u attivitajiet oħra.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil Josie Christodoulou (Policy Coordinator and Project Leader):
indirizz-e: Josie@medinstgenderstudies.org
Sit elettroniku: www.medinstgenderstudies.org

## Istituzzjoni li qed tikkordina l-proġett:

MEDITERRANEAN INSTITUTE OF GENDER STUDIES

Mediterranean Institute of Gender Studies [M.I.G.S]

46 Makedonitissas Avenue
P.O. Box: 24005
Nicosia, 1703
Cyprus

Tel: 357 22 351274 (ext.115)
Fax: 357 22 353682
indirizz-e: info@medinstgenderstudies.org
Sit elettroniku: www.medinstgenderstudies.org

## Organizzazzjonijiet imsieħba:

Crea

EMCER
Euro-Mediterranean Centre for Educational Research

IOE London
Leading education and social research
Institute of Education
University of London

ΠΑΝΤΕΙΟ ΠΑΝΕΠΙΣΤΗΜΙΟ ΚΟΙΝΩΝΙΚΩΝ ΚΑΙ ΠΟΛΙΤΙΚΩΝ ΕΠΙΣΤΗΜΩΝ
PANTEIO UNIVERSITY OF SOCIAL AND POLITICAL SCIENCES

## Bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi:

European Fund for the
Integration of Third Country Nationals
of the European Commission

MEDITERRANEAN INSTITUTE OF GENDER STUDIES

# It-Tfajliet Emigranti fl-Edukazzjoni Sekondarja

## Il-promozzjoni tal-integrazzjoni u l-ftehim reċiproku permezz tad-djalogu u l-iskambju

integration_MT.indd 1
12/04/2010 15:10

**Il-*policies* żviluppati għall-integrazzjoni tat-tfal emigranti fl-iskejjel ġeneralment jirrikonoxxu l-aspetti fluwidi u multipli tal-identitajiet kulturali u lingwistiċi imma jagħtu ħafna anqas kas tal-karattru dinamiku tal-ġeneru f'relazzjoni mal-esperjenza tal-emigranti f'pajjiżi differenti. Wara li l-iskejjel fil-pajjiżi Ewropej waqfu jippruvaw jassimilaw lill-istudenti emigranti, illum qed jippruvaw joħolqu *policies* ta' integrazzjoni u jiżviluppaw prattiċi bbażati fuq ir-rispett tad-diversità kulturali. Madankollu, l-integrazzjoni bbażata fuq il-ġeneru hija nieqsa sew minn dawn il-prattiċi, strateġiji u *policies*.**

Biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet il-Mediterranean Institute of Gender Studies (MIGS) f'Nikosija, Ċipru qed jikkordina proġett transnazzjonali li jismu "It-Tfajliet Emigranti fl-Edukazzjoni Sekondarja: Il-promozzjoni tal-integrazzjoni u l-ftehim reċiproku permezz tad-djalogu u l-iskambju" ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi tal-Kummissjoni Ewropeja. L-imsieħba f'dan il-proġett, li se jdum 18-il xahar, jinkludu ċ-Ċentru tar-Riċerka fit-Teoriji u l-Prattiċi li Jegħlbu l-Inugwaljanzi (CREA) fl-Università ta' Barċellona (Spanja); iċ-Ċentru għad-Drittijiet, Ugwaljanzi u l-Ġustizzja Soċjali (CRESJ) fl-Istitut tal-Edukazzjoni, l-Università ta' Londra (RU); id-Dipartiment tas-Soċjoloġija fl-Università ta' Panteion (il-Greċja); u ċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni (EMCER) fl-Università ta' Malta (Malta).

## L-GĦANIJIET TAL-PROĠETT

- li jesplora kif ir-rabta bejn l-isterjotipi bbażati fuq il-ġeneru u l-oriġini etnika toħloq forom ta' esklużjoni u emarġinazzjoni li tiġi esperjenzata minn emigranti tfajliet fl-edukazzjoni sekondarja
- li jidentifika n-nuqqasijiet bejn il-miżuri ta' integrazzjoni u l-bżonnijiet tat-tfajliet emigranti skont perspettivi kritiċi tal-ġeneru
- li jiżviluppa rakkomandazzjonijiet ta' *policies* bl-għan li titjieb il-kwalità tal-istrutturi u s-servizzi eżistenti fil-kuntest edukattiv biex jirriflettu l-bżonnijiet differenti tat-tfajliet emigranti

## L-ATTIVITAJIET

- analiżi komparattiva tal-letteratura biex tingħata stampa tal-*policies* eżistenti fis-sistema edukattiva
- riċerka f'kull stat membru li qed jipparteċipa sabiex jiġi eżaminat jekk il-*policies* ta' bħalissa fil-kuntest tal-edukazzjoni sekondarja jindirizzawx u jirriflettux il-bżonnijiet u l-esperjenzi tal-emigranti tfajliet u jagħtux kas biżżejjed tal-isfondi reliġjużi differenti, l-istorja u l-istatus tal-emigrazzjoni, u l-bżonnijiet lingwistiċi
- organizzazzjoni ta' gruppi ta' diskussjoni ma' *stakeholders* relevanti fil-ħames pajjiżi bl-għan li jiġi pprovdut aktar tagħrif, analiżi u għarfien tal-bżonnijiet u l-esperjenzi tal-emigranti tfajliet fl-edukazzjoni sekondarja
- żvilupp ta' rakkomandazzjonijiet ta' *policies* għall-implimentazzjoni ta' miżuri aktar flessibbli u ffukati dwar l-integrazzjoni li jindirizzaw il-bżonnijiet speċifiċi ta' emigranti tfajliet fl-edukazzjoni sekondarja
- organizzazzjoni ta' konferenzi stampa fil-pajjiżi kollha msieħba biex il-konklużjonijiet tar-riċerka jiġu ppreżentati u mxerrda
- żvilupp ta' *networks* ta' koperazzjoni bejn il-pajjiżi permezz tal-organizzazzjoni ta' *workshop* f'Ċipru
- implimentazzjoni ta' kampanja ta' kuxjentizzazzjoni permezz tal-pubblikazzjoni ta' fuljetti ta' informazzjoni kif ukoll ta' ktieb ta' riżorsi li jkun jinkorpora r-riżultati tal-attivitajiet tal-proġett kif ukoll eżempji tal-aħjar *policies* u rakkomandazzjonijiet għal tibdil fil-*policies*
- konferenza finali li tinvolvi *stakeholders* ewlenin u esperti minn madwar l-Ewropa biex jindirizzaw l-iżvilupp ta' mudell ta' integazzjoni li jwieġeb għall-bżonnijiet ta' emigranti tfajliet fl-edukazzjoni sekondarja

## Organizzazzjonijiet Imsieħba:

**Ċentru tar-Riċerka fit-Teoriji u l-Prattiċi li Jegħlbu l-Inugwaljanza (CREA) - Università ta' Barċellona (Spanja):** Iċ-Ċentru tar-Riċerka fit-Teoriji u l-Prattiċi li Jegħlbu l-Inugwaljanza (CREA) hu ċentru interdixxiplinarju b'esperjenza twila fi Proġetti RTD fuq livell nazzjonali u Ewropew. Uħud mill-oqsma sinifikanti tar-Riċerka tal-CREA huma l-inugwaljanza tas-sessi, is-suċċess edukattiv u gruppi kulturali. Bħalissa CREA qed tikkordina il-Proġett Integrat INCLUD-ED (is-Sitt FP, 2006-2011) li hu l-iktar proġett RTD importnati dwar l-iksola fl-Ewropa. Il-Grupp tan-Nisa Safo Crea ilu jaħdem fi proġetti tar-Riċerka mill-1999, u speċjalment dwar nisa "oħra", nisa u l-interkulturaliżmu, u l-vjolenza. Iċ-Ċentru kien involut f'diversi konferenzi xjentifiċi u pubblikazzjonijiet ma' awturi femministi u regolarment jikkolabora ma' gruppi ta' nisa u istituzzjonijiet li jitrattraw kwisjonijiet tas-sessi.

Għal aktar informazzjoni rreferi għal www.pcb.ub.es/crea

**Iċ-Ċentru għad-Drittijiet, Ugwaljanzi u Ġustizzja Soċjali (CRESJ),L-Istitut tal-Edukazzjoni, l-Università ta' Londra (ir-Renju Unit):** L-Istitut tal-Edukazzjoni hu l-iktar Ċentru Universitarju għall-Edukazzjoni magħruf fir-Renju Unit, u l-gradwati tagħna - illum għalliema u lekċerers kwalifikati huma speċjalment apprezzati mill-kapijiet u l-prinċipali fl-iskejjel madwar ir-Renju Unit u lil hinn. Hu l-uniku kulleġġ fl-Università ta' Londra li hu kompletament iddedikat għall-edukazzjoni u l-oqsma relatati tax-xjenzi soċjali. Għandu madwar 6,000 student u 800 impjegat; attiv f'kull kontinent u l-istudjużi tagħna huma fost l-aqwa fid-dinja fl-oqsma tagħhom. It-tagħlim tagħna kellu impatt qawwi fl-edukazzjoni ta' ħafna pajjiżi. Iċ-Ċentru għad-Drittijiet, Ugwalanzi u l-Ġustizzja Soċjali (CRESJ), l-Istitut tal-Edukazzjoni, l-Università ta' Londra hu ċentru internazzjonali ta' eċċellenza, u jmexxi riċerka fuq il-ġustizzja soċjali u l-ekwità fl-edukazzjoni. Bil-filosofija ta' inklużjoni fir-riċerka edukattiva, aħna nipproduċu riċerka tal-aqwa livell fid-dinja f'dak li għandu x'jaqsam mar-razza, l-etniċità, il-ġeneru, is-sesswalità u d-diżabilità fl-edukazzjoni.

Għal aktar informazzjoni ara s-sit taċ-Ċentru www.ioe.ac.uk/research/169.html

**Id-Dipartiment tas-Soċjoloġija - L-Università ta' Panteion, Ateni (il-Greċja):** Id-Dipartiment tas-Soċjoloġija fl-Università tax-Xjenzi Soċjali u Politiċi tal-Università ta' Panteion huwa l-ewwel dipartiment tas-Soċjoloġija li nħoloq fil-Greċja. Imwaqqaf fl-1984, id-dipartiment jipprovdi edukazzjoni f'livell universitarju u post-universitarju. Il-membri tal-fakultà u l-istudenti tad-dottorat iwettqu riċerka dwar numru ta' kwistjonijiet soċjali kif ukoll dwar kwisjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-teorija u l-metodi tas-soċjoloġija bħala dixxiplina. Id-dipartiment joffri korsijiet organizzati madwar erba' oqsma ta' speċjalizzazzjoni: Is-Soċjetà Kontemporanja Griega, il-Morfoloġija Soċjali, il-kriminoloġija u s-Soċjoloġija Ġenerali. Bħalissa fid-dipartiment qed jistudjaw 1300 student/a tal-lawrija, 60 student/a gradwat/a u madwar 350 student tad-dottorat.. L-università nnifisha twaqqfet fl-1934. Bħalissa Panteion għandha 10 dipartimenti akkademiċi u 18-il ċentru tar-riċerka.

Għal aktar informazzjoni rreferi għal: www.panteion.gr/index.php/sociology-mainmenu

**Ċentru Ewro-Mediteranju għar-Riċerka Edukattiva ( EMCER) – University of Malta (Malta):** Iċ-Ċentru Ewro-Mediteranju għar-Riċerka Edukattiva hu ċentru awtonomu fl-Università ta' Malta impenjat fl-istudji interdixxiplinarji ta' kwistjonijiet tal-Mediterran u tal-Ewropa u li speċjalment jiffoka fuq l-isfidi edukattivi tar-reġjun tal-Mediterran. Il-fundatur taċ-Ċentru, Il-Professur Ronald Sultana, imexxi ċ-Ċentru flimkien ma' grupp ta' studjużi li jirriċerkaw, jippubblikaw u jxerrdu riċerka analitika u komparattiva dwar sistemi u kwistjonijiet edukattivi. Iċ-Ċentru jippubblika l-ġurnal internazzjonali Mediterranean Journal of Educational Research darbtejn fis-sena, jikkordina n-*Network* tar-Riċerka Edukattiva fil-Mediterran u joffri programm ta' Masters fl-Istudji Edukattivi Komparattivi Euro-Meditteranji (Masters in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies).

Għal aktar informazzjoni ara ww.um.edu.mt/ emcer/about